MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 1206/1997/1

Anthony Zerafa
vs
Kap Kmandant tal-Forzi Armati

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ l-1989 huwa sofra ingustizzja f’li gie tterminat l-impjieg tieghu minn mal-Forzi Armati minghajr l-ebda raguni valida fil-ligi, u dan minkejja l-fatt illi r-rikorrent kien ghadu qieghed jiehu l-kura medika necessarja.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
F’certu perjodu fis-sena 1989, ir-rikorrent kien qieghed isofri minn dipressjoni. Wara li fis-6 ta’ Frar ta’ l-istess sena r-rikorrent kien hareg bis-sick leave, it-tabib tal-Forzi Armati kien irrefera lir-rikorrent ghand Dr. Abraham Galea,

u dan ta’ l-ahhar kellu jaghti parir lit-Tabib ta’ l-Armata dwar il-kundizzjoni tar-rikorrent. Dr Abraham Galea minbarra li kien ppreskriva xi medicinali, kien irrakomanda lir-rikorrent biex johrog bis-sick leave sa kemm il-kundizzjoni tieghu titjieb.

Fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Mejju 1989, ir-rikorrent kien gie mitlub jirraporta quddiem il-Bord Mediku ta’ l-Armata, li da parti tieghu kien iddecieda illi r-rikorrent ma kienx ghadu tajjeb ghas-servizzi militari u ghaldaqstant kellu jitkecca mill-impieg. Din id-decizjoni kienet ittiehdet minkejja l-fatt illi r-rikorrent kien ghadu taht kura medika ta’ Dr. Abraham Galea, u minkejja l-fatt illi r-rikorrent kien qieghed jirrejagixxi tajjeb ghall-kura illi kien qieghed jiehu u li kien ilu jiehu ghal-perjodu qasir ta’ tlett xhur.

Ta’ min josserva illi meta fid-19 ta’ Lulju ta’ l-istess sena, Dr. Abraham Galea kien informa lit-Tabib ta’ l-Armata illi r-rikorrent ma kienx ghadu qieghed ibati mill-kundizzjoni ta’ dipressjoni, it-Tabib ta’ l-Armata kien informa lir-rikorrent illi l-Bord Mediku kien diga` ha d-decizjoni li jittermina l-impjieg tar-rikorrent.

Minhabba din l-ingustizzja r-rikorrent kien sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt li ma kienx gie moghti l-possibilita` li jikkura ruhu qabel ma kienet ittiehdet id-decizjoni tal-Bord Mediku biex jittermina l-impjieg tar-rikorrent.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa kellu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikorrent kien beda jirraporta marid mit-23 ta' Frar 1989 u jirrizulta li minkejja li kien inghata l-kura mehtiega ghal aktar minn tliet xhur, il-kundizzjoni medika tieghu ma tjibietx.

Illi r-rikorrent kien gie ezaminat minn Bord Mediku fl-24 ta' Mejju 1989 u kien gie ddikjarat Permanently Unfit for Further Military Duties.

Illi r-rikorrent kien gie avzat bit-temm ta' l-impieg tieghu fis-17 t'Awissu 1989 u wara li kien inghata 28 gurnata Terminal Leave kien intemm l-impjieg tieghu b'effett mill-20 ta' Settembru 1989.
Illi ma jirrizultax li kienet saret xi ingustizzja mieghu fir-rigward tat-temm ta' impjieg u dan minhabba li kollox kien sar skond regoli stabbilit u ligijiet ezistenti.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed <u>il-Prof. Abram Galea</u> li semma li ghall-habta tal-1987-1989 kien hemm il-prattika fl-Armata li meta jkun hemm xi kaz li jkun ftit aktar difficcli minn tas-soltu kemm

ghal skop ta’ dijanjosi kif ukoll ghal skop ta’ trattament jintbaghat lilu ghal dan l-iskop. Qal li ezamina lir-rikorrent li kien qieghed ibati minn reactive depression u minn anxiety depression u rrakkomandalu trattament bil-medicinali. Kien kellem lir-rikorrent biex jipprova jara x’kienet il-kawza u meta rriferieh lilu, t-tabib tal-Armata kien qallu li r-rikorrent la kellu problemi familjari u anqas fuq il-post tax-xoghol. Meta x-xhud kien kellem lir-rikorrent kien qallu li kellu ansjeta` fuq il-post tax-xoghol ghax kellu xi nuqqas ta’ ftehim mas-superjur tieghu u ma kienx xtaq li jghid b’dan lit-tabib tal-Armata. L-Armata stess kienet inkarigat lix-xhud biex jara lir-rikorrent.

Semma li peress li kien konsulent mal-Gvern bhala psikjatra mad-Dipartiment tas-Sahha gieli kien hemm kazijiet fejn l-Armata tirreferixxi persuna direttament lilu, kif kien f’dan il-kaz. Zied li kien qieghed josserva lir-rikorrent ghax mhux darba ezaminah u kien qallu li kellu mnejn jigi riferut lejn il-bord. Meta gie riferut lill-bord, dan il-bord iddecieda li kien “unfit for work”. Qal li kien rah xi tliet gimghat wara li rah il-bord pero` effettivament kien osserva li beda jirranga u anke l-mara tieghu stess qaltlu li kien qed juri sinjal ta’ titjib. Abbazi ta’ dak kien kiteb lill-bord fejn qalilhom jistghux jirrikunsidraw il-pozizzjoni taghhom u qalilhom biex jergghu jirreferuh. Semma li wara xi xahar kien rega’ rah u fil-fatt kien irranga u baghat jghid lill-bord jekk jistax jibdel id-decizjoni tieghu ghax ir-rikorrent kien irranga u kien tajjeb ghall-Army. Tajjeb ghall-Army jigifieri jiehdu in konsiderazzjoni jekk hux kapaci jzomm fl-armata, hux kapaci jzomm certu dixxiplina.

Qal li ma kienux hadu l-parir tieghu ghax ma regghux ezaminawh. Semma li r-rikorrent kien gie riferut lilu jahseb minn Dr. Robert Galea li kien kitiblu pero` seta’ kien Dr. Brincat. Qal li l-ewwel darba li ra lir-rikorrent, dan kien anzjuz u kellu disturbi fl-irqad u fl-imgieba u kien fi stat li anqas uniformi ma ried jilbes. Qal li kien irrakkomanda li r-rikorrent jinghata sick leave ghax kellu reactive anxiety depression. Kull darba li kien imur ikellmu r-rikorrent kien jaghmel rapport dwar dan u kien jibghatu lil Dr. Galea. Ir-rikorrent kien gie boarded out.

Xehed Dr Robert Galea li semma li ilu jahdem ma' l-Armata ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena. Qal li gieli ezamina lir-rikorrent u l-problema tieghu bdiet fi Frar 1989 meta rraporta sick minhabba kundizzjoni ta' dipressjoni minhabba c-cirkostanzi li kien hemm fuq ix-xoghol. Kien irreferut ghand l-ipsikjatra l-Professur Abraham Galea li wkoll kien irrakomanda s-sick leave u l-medicini u f'Mejju 1989 kien rah medical board fejn iccertifika lir-rikorrent mhux f'kundizzjoni li jkompli x-xoghol militari b'mod x'aktarx permanenti. F'Gunju, Lulju u Awissu l-kundizzjoni tar-rikorrent tjiebet u dan wara li kien diga` rah il-medical board izda r-rikorrent xorta wahda spicca mill-armata fl-20 ta' Settembru 1989.

Semma li hu kien wiehed mit-tobba tal-bord meta r-rikorrent gie boarded out. Kien hemm ukoll Sgt. Lt. Joe Brincat u Dr David Cefai. Ic-chairman kien hu stess u Dr Brincat kien tabib fl-armata. Ir-rikorrent kien jattendi c-centru mediku ta' l-armata u ghalhekk kien jezaminah u mar ghandu xi ghaxar darbiet. Kien hu stess li rrefera lir-rikorrent lil Professur Abraham Galea minhabba li kellu parti mis-sintomi ta' dipressjoni, u dan kien xi xahrejn u nofs qabel ma gie boarded out. L-iskop talli rriferieh kien li jghin lir-rikorrent kif ukoll li lilhom jaghtihom il-parir necessarju. Il-professur Galea kien ippreskrivilu l-medicini u kien irrakomanda certu zmien ta' sick leave u rega' rrakomanda t-tieni darba u finalment anke kien issugerixxa li jarah il-medical board. Semma li l-aktar li rriferieh kien biex jara jekk jistax jikkura lir-rikorrent u jekk kienx gustifikat li jinghata aktar sick leave.

Il-bord, f'Mejju kien sabu unfit biex ikompli x-xoghol militari minhabba l-kundizzjoni mentali tieghu. Fil-bord kien hemm tliet tobba izda specjalisti fil-psikjatrija ma kienx hemm. Kienu waslu ghal konkluzzjoni li l-impjieg tieghu kellu jigi terminat minhabba d-depressjoni konnessa max-xoghol militari u kellu averzjoni ghal xoghol militari u amotivation syndrome, tilef il-motivazzjoni li jkompli jahdem. Il-Professur Galea qatt ma kkonkluda li r-rikorrent jitkecca, kien il-bord li wasal f'konkluzzjoni li jitkecca. Qal li hadd ma kien kellmu fuq ir-rikorrent u ma

ftakarx li kellu pressjoni biex jitkecca ghax ghaddew 13-il sena. F’Gunju, Awwissu u Settembru l-kundizzjoni tar-rikorrent tjiebet, izda l-bord kien ha d-decizzjoni f’Mejju u r-rikorrent tkecca f’Settembru.

Il-Profs Galea kien irrakkomanda biex tigi reviewed id-decizjoni fuq ir-rikorrent. Ghalhekk ix-xhud fis-7 u l-21 ta’ Lulju kien kiteb il-Headquaters fejn infurmahom li l-kundizzjoni ta’ Zerafa kienet qed titjieb bir-rakkomandazzjonijiet tal-Profs Galea, izda ma kellu ebda risposta.

Xehed Lt. Col. Mario Schembri li semma li a fol 31 hemm nota lill-GSO minghand il-Brigadier John Spiteri fejn qieghed jordna li r-rikorrent “to be discharged as unfit for service” u dan wara li kien ircieva l-ittra minghand ir-rikorrent flimkien mar-rakkomandazzjoni tal-psikjatra tieghu li kopja tinsab a fol 28 u 29 tal-process fejn insibu nota tal-GSO, is-Sur Montanaro fejn irrikmanda “no grounds for review” ghax ir-rikorrent kien talab li jerga’ jidhol fl-Armata. A fol 32 hemm ukoll nota tas-Sur Montanaro fejn irrimarka u qal “Commander Directed to implement the discharge”.

**KONKLUZJONIJIET:**

Jinghad li milli jidher f’dan il-kaz ma kinitx giet prezentata nota tal-eccezzjonijiet fil-hin ghalkemm kien hemm din l-impressjoni. Minn fol 9 irrizulta li sa dik id-data ma kinitx imdahhla fil-Cash Book. Izda meta prezentata kopja r-rikorrent ma opponiex. Ukoll l-punti legali sollevati huma dwar il-kompetenza tat-Tribunal u dwar il-meritu tal-kaz li xorta wahda it-Tribunal irid jezaminhom anke jekk stess ma gewx sollevati, u ghalhekk ma ghandux jiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan il-punt. Ukoll fir-risposta l-eccezzjoni dwar l-inkompetenza ***ratione materiae*** ma gietx sollevata izda wara giet prezentata nota tal-osservazzjonijiet fuq dan il-punt. Ghalhekk it-Tribunal sejjer l-ewwel jezamina l-eccezzjoni fuq dan l-aspett.

Fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Barbara vs Med Serv Limited et” deciza fl-10 ta’ Mejju, 1999 it-Tribunal qal:

“Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid…

“6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F’dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bilfors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatti l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi.

Bazikament l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq terminazzjoni ta' impieg. Issa terminazzjoni ta' impieg ma tissemma f'ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (d). "Ubi lex voluit dixit". Il-ligi ma tuzax kliem fis-sens li l-ilmenti indikati huma ezempji ta' ilmenti, izda huma ezattament l-ilmenti li fir-rigward taghhom dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni.

Ta' min izid li l-artikolu 28 tal-Kap 266 l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali jghid:

"Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi , u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-drittijiet tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:"

Il-lokuzzjoni wzata hija cara li t-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta. Hemm kazijiet li jaqghu taht l-Qorti Civili [skond in-natura tal-kuntratt] u anke quddiem il-Kummissjoni ta' l-Impiegi taht il-Kostituzzjoni jekk ikun jahdem f'azienda Governattiva jew kwazi-governattiva.

Ghalhekk, salv kif ser jinghad aktar l-isfel f'dan il-paragrafu, terminazzjoni ta' impieg mhux ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ara wkoll Andrew Caruana vs Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni et deciza fit-2 ta' Frar, 1999. L-uniku kaz fejn dan ma japplikax huwa fil-kaz tal-"constructive dismissal" dejjem bazat fuq ingustizzja kif imsemmi fl-artikolu 6 (1). Ara "Charles Azzopardi vs Selmun Company Limited et" deciz in parte fil-15 ta' Dicembru, 1997, u f' "Patrick Dato Mallia vs Malta Development Corporation" deciz ukoll in parte fil-11 ta' Marzu, 1998…

L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harmsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalaxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna

kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta’ Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta’ hlas ta’ paga…”

Fil-kawza fl-ismijiet Emmanuel Chircop vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati deciza mit-Tribunal fl-24 ta’ Gunju, 1999 it-Tribunal qal:

“Issa fil-kaz in ezami in-nuqqas ta’ kompetenza tohrog ukoll minn dak li jghid l-artikolu 5 (3) (a):

“Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma’ dan l-Att.” F’dan l-iskeda insibu imnizzel “Il-Forzi Armati ta’ Malta hlief skond dak li hemm provdut fit-Taqsima B ta’ din l-Iskeda”. Fit-Taqsima B insibu elenkat: “Il-Forzi Armati ta’ Malta ghar-rigward biss ta’ hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, salarji u drittijiet ta’ pensjoni ta’ l-ufficjali u suldati f’dik il-Forza Armata”.

Ghalhekk f’dik il-kawza it-Tribunal hass li kien ovvju li t-talba tar-rikorrent dwar terminazzjoni kienet tesorbita mill-kompetenza ta’ dan it-Tribunal u laqghet l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimat.

Issa wiehed jista’ facilment jahseb li l-istorja ta’ din il-kawza tispicca hemm. Izda hu ferm importanti li wiehed jistudja sew ir-rikors u l-lokuzzjoni ezatti tal-ligi. Fir-rikors promotorju r-rikorrent ilmenta li kawza ta’ decizzjoni ingusta mehuda mill-intimat hu gie milqut finanzjarjament u talab kumpens. Fost affarijiet ohra gew milquta s-salarji u d-drittijiet tieghu tal-pensjoni? U hawn il-pern tal-kwistjoni. Wiehed irid jaqra l-artikolu 6 flimkien ma’ l-artikolu 5 (3) (a) u l-Ewwel Skeda A u B. X’jigri. Wiehed ikollu jasal li dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma’ dan l-Att, f’liema skeda insibu imnizzel “Il-Forzi Armati ta’ Malta hlief skond dak li hemm provdut fit-Taqsima B ta’ din l-Iskeda u cioe’ il-Forzi Armati ta’ Malta ghar-rigward biss ta’ hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, **salarji u drittijiet ta’ pensjoni ta’ l-ufficjali u suldati f’dik** il-Forza Armata. Dan iwassal li l-legislatur fil-kaz ta’

nies fl-Armata inkluda l-ingustizzji biss ghar-rigward ta' hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, salarji u drittijiet ta' pensjoni ta' ufficjali u suldati. Fir-rikors in ezami kif dan gie intavolat ma giex mitlub li t-terminazzjoni tigi dikjarata invalida izda li minhabba l-ingustizzja subita mir-rikorrent jigi dikjarat li dan sofra danni finanzjarji "minhabba li ma giex moghti l-possibilta' li jikkura ruhu qabel ma ttiehdet id-decizzjoni tal-Bord Mediku". Infatti fil-paragrafu konklussiv dak li ntalab huwa kumpens finanzjarju. Kuntrarjament ghal dak li sostna l-intimat l-ilment mhux bazat fuq **dismissal**. Hawn wiehed irid jezamina ezattament kif gie miktub ir-rikors.

Minhabba l-kliem uzat fit-Taqsima B ta' l-Ewwel Skeda jopera l-kliem salarji u drittijiet ta' pensjoni u meta wiehed iqis il-kliem preciz li gie wzat fir-rikors it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-inkompetenza ***ratione materiae.***

Wiehed irid issa jezamina l-meritu tal-kaz.

Jinghad li fl-1989 ir-rikorrent kien qieghed isofri minn dipressjoni. Fis-6 ta' Frar hareg bis-sick leave; rah Dr R Galea ta' l-Armata u rriferih lil Dr Abram Galea l-Psikjatra. Hu ma kienx fi stat tajjeb u fl-24 ta' Mejju rrapporta quddiem il-Medical Bord liema Bord iddecieda li r-rikorrent mhux tajjeb ghas-servizz. Ta min isemmi li fil-Bord kien hemm tobba izda mhux Psikjatri. Fid-19 ta' Lulju r-rikorrent ma kienx ghadu qieghed ibati mid-dipressjoni u Dr Abram Galea ikkomomunika ma' l-Armata biex jaraw jistghux jirrikonsidraw il-posizzjoni taghhom. Ghalhekk Dr Robert Galea kiteb fejn semma li l-kundizzjoni ta' Zerafa kienet qed titjieb. Fis-17 ta' Awissu ir-rikorrent gie avzat bit-temm tal-impieg b'effett mill-20 ta' Settembru.

Fil-fehma tat-Tribunal din tammonta ghall-ingustizzja. L-ewwel nett missu kien hemm psikjatra fuq il-Bord Mediku peress li l-kaz kien dwar dipressjoni. Ukoll l-informazzjoni ta' Dr Abram Galea waslet xahar qabel l-ittra li harget lir-rikorrent li biha gie avzat li spiocca mill-impieg. Huwa veru li d-decizzjoni kienet ittiehdet f'Mejju izda kien ovvju li f'kaz ta' dipressjoni decizzjoni bhal din bilfors li kienet prematura. Ukoll meta waslet l-informazzjoni minn Dr

Abram Galea kien hemm l-obbligu li l-Bord Mediku jaghmel ezamijiet jew konsultazzjonijiet ulterjuri qabel id-decizzjoni tkum implimentata. Infatti l-istess Dr R Galea hass l-obbligu li jikteb u jinforma dwar dan u ghamel sewwa. Dak li gara wara jammonta ghall-ingustizzja fit-termini tal-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997.

Ghal dawn il-motivi jichad l-ecezzjoni tal-intimat u jqis li kawza ta' decizzjoni ingusta r-rikorrent sofra fis-salarji u drittijiet ta' pensjoni ta' suldat.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlitt t'elef lira [LM3000].

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------